Ħarist lejn il-qamar u għoddejt sebgħa. Ma' l-aħħar għadd il-ħsejjes tal-għajjat siktu u f'daqqa waqgħet ħemda kbira. Dort u ħarist lejn Ħaġar Qim: hemm kien kollu dellijiet suwed, mittiekel, imġarraf, ħerba kif inhu issa.

Qbadt ħaġra u ridt infarrak il-bebbuxa, li ma jfittillix xi darba narġa' nagħmel seħer biha. Kif kont nieżel bid-daqqa, il-bebbuxa għabet. Il-Ġinn kien ħatafhieli.

L. Cutajar.

1. Oh ! ta' kemm ħsara d-din ma kienx il-ħtija !
2. Ovali.
3. Kwadrata.
4. nifs, arja.
5. Il-paliet.
6. Ilvant.
7. Nofsinhar, is-sud.
8. Tramuntana.
9. Membru, individwu.
10. Platt, gabarrè.
11. Tari, frisk, delikat.
12. Jikkastigahom.

## L-ewwel Imħabba

F'għajnejha kellha l-ġmiel ta' ħajja rżina  
Ta' xbejba li trabbiet fl-għożża ta' darha,  
Qatt dell ma xiref ta' xenqiet ħażina,  
Anqas l-imrar ma tnikker qatt ma' dwarha.

Ħsiebha kien safi daqs kemm safja d-dija  
Li tleqq u tilma ġewwa qatra nida.  
Iltaqgħet darba ma' żagħżugħ. Qawwija  
Ħasset is-sejħa minn tad-demm tiġbidha.

Fid-dell tas-siġar qalu kliem ta' mħabba;  
Hi wieżnet rasha fuq spallejh, tithejjem,  
Ħaddnitu magħha mingħajr ħsieb li jtabba',  
U qaltlu: Tħobbni ?—Huwa wieġeb: Dejjem !

Kien waqt sabiħ: ħasset ruħha ferrieħa,  
U, hienja, bkiet fis-skiet ta' qalb rebbieħa.

Ġużè Chetcuti

## Lill-Kanarin

*li wasalli mingħand ħabib għażiż,*  
*fit-3 ta' Diċembru, 1937.*

Għasfur lelluxi, merħba bik. Fis-sikta  
tad-dar fejn waħdi qiegħed ngħaddi żmieni,  
int tkun il-wens għal din il-qalb imnikkta  
fil-hemm illi, jaħasra ! wasal kmieni.

Fil-għanja tiegħek safja, mżewqa, sħiħa,  
li tidwi mal-ħitan tal-kamra tiegħi,  
nistħajjel nisma' n-nifs ta' ruħ sabiħa  
li ttir madwari u titkellem miegħi.

Għax int ma tafx, ħlejqa ferrieħa, liema  
tjieba wasslitek f'din id-dar kennija,  
anqas taf ix-xewqat ta' ġid u sliema  
li ġibtli miegħek. Jiena naf: għalija

int messaġġier ta' Ħsieb li jifhem sewwa,  
ta' Qalb imwieżna fit-taħbita tagħha,  
li qatt ma tibki barra u tidħak ġewwa,  
u lil għajrha tixtieq l-hena tas-Saħħa.

Dun Karm

6. XII. 39